# Assistenza għall-Iżvilupp ta' Proġetti: L-ibliet u r-reġjuni tal-Patt tas-Sindki jaqsmu l-esperjenza tagħhom!

Ħafna mill-firmatarji tal-Patt tas-Sindki użaw il-faċilitajiet tal-Assistenza Teknika (TA, Technical Assistance) biex jiżviluppaw proġetti bħala parti mill-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Klima tagħhom. F'librett maħruġ reċentement, aħna ġbarna t-tagħlimiet tal-ibliet u r-reġjuni madwar l-Ewropa kollha li bbenefikaw minn, jew li bħalissa qed jużaw waħda mit-TAs, bil-għan li ngħinu benefiċjarji futuri fil-proċess tal-applikazzjoni.




## Assistenza għall-Iżvilupp ta' Proġetti taħt Orizzont 2020

**L-esperjenza ta'… Solrød, id-Danimarka**

Fl-2014, il-muniċipalità ta' Solrød ikkoperat ma' msieħba tal-industrija, fornituri, ħwienet u istituzzjonijiet tar-riċerka biex tiżviluppa l-impjant tal-bijogass ta' Solrød. Dan l-impjant jipproduċi enerġija nadifa mill-alka tal-baħar u prodotti sekondarji oħra bħal skart organiku u demel minn irziezet lokali. Din is-sħubija pubblika-privata innovattiva kkatalizzat diversi benefiċċji lill-komunità kollha ta' Solrød u lill-partijiet interessati lokali billi pprovdiet sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli.

Il-fondi mill-istrument MLEI tal-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa* assiguraw il-finanzjament għall-fażi ta' preparazzjoni finali, il-ġestjoni tal-proġett u l-komunikazzjonijiet, u għenu bit-tekniki tal-proċedura tal-offerti. Is-suċċess tal-proġett huwa rifless f'investiment ta' €12.7m f'kuntratt komplut (turnkey) għall-kostruzzjoni ta' impjant tal-bijogass kombinat għas-sħana u l-enerġija u l-akkwist ta' magna tal-bijogass, tnaqqis approssimattiv ta' CO2 ta' 40,100 tunnellata CO2/sena u l-produzzjoni ta' 60 GWh/sena ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Covenant of Mayors for Climate & Energy EUROPE

**L-esperjenza ta'… il-Provinċja ta' Torino, l-Italja**
Il-proġett 2020Together kien riżultat tal-ħtieġa biex jiġu ssuperati l-ostakli għall-finanzjament fil-livell lokali biex jibda r-restawr tal-effiċjenza enerġetika tal-bini pubbliku u d-dwal tat-toroq. Iż-żona metropolitana ta' Torino ngħaqdet mar-Reġjun tal-Piemonte, il-Belt ta' Torino u l-Enviroment Park.
Attenzjoni speċjali ngħatat lil miżuri ta' finanzjament innovattivi tal-Kuntratti dwar il-Prestazzjoni Enerġetika u l-implimentazzjoni ta' forom ġodda ta' sħubiji finanzjarji bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-investituri privati bħall-ESCOs (Energy Service Companies, kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija). Matul il-proġett, 11-il muniċipalità miż-żona metropolitana ta' Torino bbenefikaw mill-mudell innovattiv tal-proċess tal-offerti għall-effiċjenza enerġetika li ġie żviluppat, filwaqt li 10 muniċipalitajiet oħra bdew proġetti simili. Ġiet żviluppata "Gwida għat-tħejjija ta' kuntratti tal-EPC – L-esperjenza ta' 2020Together" (Guide for drawing up EPC contracts – The 2020Together experience) biex tħeħħeġ ir-replikazzjoni.

## Il-Faċilità tal-Assistenza Teknika tal-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF)

**L-esperjenza ta'… il-Provinċja ta' Ferrara, l-Italja**
Fir-reġjun tal-Emilia Romagna, l-4 muniċipalitajiet ta' Ferrara, Cento, Mesola u Voghiera qed jibbenefikaw direttament mill-Assistenza Teknika tal-EEEF b'miżuri ppjanati biex itejbu d-dwal tat-toroq u jimmodifikaw bir-reqqa 12-il binja (uffiċċji, muniċipji, faċilitajiet sportivi u skejjel). Is-servizzi għall-iżvilupp ta' proġetti tal-EEEF jinkludu appoġġ tekniku fl-iżvilupp ta' proġetti, l-istudji inizjali u awditjar tal-enerġija. Fir-rigward tal-għażla tal-ESCO, ingħata parir legali biex jiġi strutturat il-proċess ta' akkwist pubbliku u biex jiġi stabbilit qafas legali. Barra dan, ġew iddefiniti sistema ta' verifika u soluzzjonijiet ta' kejl biex isir monitoraġġ tal-iffrankar miksub. Il-volum totali mistenni ta' assistenza teknika għall-proġetti fil-Provinċja ta' Ferrara huwa ta' €30.8 miljun.

Dawn l-eżempji kollha u aktar jinsabu fil-pubblikazzjoni l-aktar reċenti tagħna: **'Assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti – Tagħlimiet mill-Komunità tal-Patt tas-Sindki'**. (Project Development Assistance – Lessons learnt from the Covenant of Mayors Community), Orizzont 2020 (Horizon 2020), EEEF, ELENA… Skopri liema faċilità tal-PDA hija adatta għalik!

** Mniedi fl-2003 mill-Kummissjoni Ewropea, il-programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa (Intelligent Energy – Europe - IEE) offra għajnuna lill-organizzazzjonijiet li kienu lesti jtejbu s-sostenibbiltà enerġetika. Il-programm Orizzont 2020 tal-UE issa jappoġġja r-riċerka, il-wiri u l-użu mis-suq ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija.*